MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
ANTHONY ELLUL**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 791/2003

**Middle Sea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha John's Garage Limited u l-istess John's Garage Limited**

**Vs**

**Emanuel Magri**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' erba' mija u disa' u tmenin lira Maltija u erbatax-il centezmu (Lm489.14) u dan in kwantu ghas-somma ta' Lm464.14 lis-socjeta attrici assikuratrici u in kwantu ghas-somma ta' Lm25 lis-socjeta attrici l-ohra rapprezentanti danni li sofrew l-atturi meta l-konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru LAA 884 fit-23 ta' Gunju 2002 gewwa Hal Qormi habat mal-vettura bin-numru JSK 777 propjeta ta' John's Garage Limited u

kkaguna danni fl-istess vettura u ghal liema incident huwa unikament responsabbli l-konvenut.

Ra li l-konvenut ghalkemm gie debitament notifikat naqas milli jikkontesta l-kawza u jidher ghas-seduti.

Semgha x-xhieda li ressqu l-atturi, u minn fejn irrizulta bl-iktar mod inekwivokabbli li l-konvenut huwa unikament hati ta' l-incident meritu tal-kawza meta bil-vettura tieghu habat fil-vettura numru JSK 777 li fil-hin ta' l-incident kienet wieqfa.

Id-danni reklamati jirrizultaw ukoll gustifikati.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' erba' mija u disa' u tmenin lira Maltija u erbatax-il centezmu (Lm489.14) kif fuq spejgat, bl-imghax kif mitlub.

Spejjez ghak-karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------